Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 233 :: OTTUBRU, 2015**

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **30 ta'Ottubru, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

# FORUM NAZZJONALI FUQ L-ILSIEN MALTI F'NOVEMBRU

**Fis-sajf li għadda, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol għamel konsultazzjoni pubblika fuq il-qagħda tal-ilsien Malti u t-triq 'il quddiem. Tletin persuna u/jew għaqda taw il-fehma tagħhom f'din il-konsultazzjoni u magħhom kien hemm daqstant ieħor li kitbu ittri u artikli fil-gazzetti u l-midja soċjali.**

Is-suġġetti ewlenin li tkellmu fuqhom in-nies fil-kontribuzzjonijiet li għamlu kienu dawn:

• L-irwol li għandu jkollu l-Kunsill Nazzjonali tal-Malti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-ġejjieni tal-Malti, jiġifieri jekk ikunx regolatorju, inkella konsultattiv;

• L-aġġornamenti fir-regoli tal-ortografija, b'mod partikolari l-ismijiet tal-pajjiżi u l-bliet barranin, il-kliem ta' nisel barrani (l-aktar mill-Ingliż) u d-Deċiżjonijiet 1;

• L-użu tal-Malti f'oqsma differenti tal-ħajja, ngħidu aħna, fix-xandir u fit-tagħlim.

Waqt li kienet għaddejja l-konsultazzjoni pubblika, il-Ministeru tal-Edukazzjoni kellu laqgħat mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li fihom ingħata tagħrif iddettaljat tax-xogħol li qiegħed jagħmel il-Kunsill u l-ħtiġijiet tiegħu. Il-Ministru Evarist Bartolo jirrikonoxxi l-ħidma mifruxa li għamel il-Kunsill tul dawn l-aħħar għaxar snin mit-twaqqif tiegħu. Biex jassistih f'ħidmietu, il-Ministeru tal-Edukazzjoni se jkun qiegħed jirdoppja l-allokazzjoni ta' fondi u jimpjega persuna oħra mal-istess Kunsill bil-għan li ssir aktar riċerka fuq l-ilsien Malti u l-Kunsill ikun jista' jsaħħaħ ir-relazzjonijiet pubbliċi tiegħu mal-entitajiet pubbliċi u l-pubbliku inġenerali.

Fl-isfond ta' dan kollu, il-Ministeru jagħraf ukoll li wasal iż-żmien li jiġi organizzat Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti, kif wara kollox jitlob l-Att dwar l-Ilsien Malti (Kap 470), biex dawk kollha li jixtiequ jsiru jafu x'xogħol sar u qiegħed isir b'risq ilsienna u/jew jixtiequ jagħtu sehemhom fil-ħarsien, it-tixrid u l-iżvilupp tiegħu, jingħataw l-opportunità kollha jiddiskutu u jesprimu ruħhom.

Il-Forum Nazzjonali se jsir nhar is-Sibt, 7 ta' Novembru 2015 mit-8:30 sas-13:30 fil-lukanda Excelsior, il-Furjana. Dawk kollha li jixtiequ jattendu għandhom jibagħtu ittra elettronika lis-Sinjura Mandy Buhagiar - mandy.buhagiar@gov.mt sat-23 ta' Ottubru 2015. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol iħeġġeġ li dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-ilsien Malti biex jipparteċipaw f'dan il-forum.

# STQARRIJA: APPOĠĠ QAWWI TAL-MINISTRU BARTOLO LILL-KUNSILL MALTI

**L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Ministru tal-Edukazzjoni li lbieraħ, bi kliem sod u ċar, wera l-fiduċja sħiħa tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill tal-Malti. U dan mhux bil-kliem biss imma bil-fatti, għaliex – meta ra l-ħidma kbira li wettaq il-Kunsill fl-10 snin li ilu mwaqqaf – iddeċieda li jirdoppja l-finanzi tal-Kunsill u jagħtih ħaddiem ieħor biex ikun jista' jaħdem iktar u jwassal il-messaġġ tiegħu aħjar.**

Ħabbar ukoll li fis-7 ta' Novembru se jsir Forum Nazzjonali biex naraw x'inhuma l-ħtiġijiet ta' lsienna bħalissa u flimkien infasslu għall-ġejjieni tiegħu.

Kif qal l-Onor. Bartolo, issa kull min qagħad jispekula li l-Ministru mhux kuntent bil-Kunsill u se jxoljih għandu risposta ċara.

L-Akkademja pparteċipat fil-konsultazzjoni li nieda l-Ministru, u ltaqgħet ukoll mal-Kunsill u wegħditu l-appoġġ tagħha.

***Trevor Żahra, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*** ***3 ta' Ottubru 2015***

# ILTQAJNA MA' REBECCA "SIMSHAR" CREMONA




**Dan l-aħħar fuq żjara minn Malta kien hawn fostna Rebecca Cremona, direttur u ko-awtriċi tal-film Malti "Simshar".**

Dan il-film jitratta fuq it-traġedja li kienet ġrat f'Malta fis-sena 2008, meta sajjieda minn Marsaxlokk tilfu ħajjithom waqt li kienu barra minn Malta fuq sajda. Fost il-mejtin kien hemm tifel ta' 12-il sena, Theo Buġeja. L-uniku wieħed li salva kien missieru, Simon.

Il-film mitkellem bil-Malti u b'*subtitles* bl-Ingliż, beda jintwera f'Melbourne f'diversi teatri, fosthom in-Nova Cinema, Lygon Street, Carlton u l-Lido Cinema f'Hawthorn.

Il-film intwera f'ħafna pajjiżi oħra u anki ġie nnominat fil-*Best Foreign Language Film* fis-*87th Academy Awards*.


Victor Borg

Il-PRO tal-Grupp Letteratura Maltija fil-Victoria, Paul Vella, li hu wkoll xandar ta' programmi Maltin fuq ir-Radju Komunitarju f'Melbourne, 3ZZZ, kien ilu xahrejn f'kuntatt ma' Rebecca biex jorganizza intervista fuq il-programm tiegħu. Kien hemm ħsieb li l-intervista ssir minn Malta, imma meta sar jaf li kienet ġejja Melbourne biex tippromwovi dan il-film. Rebecca żammet il-kelma tagħha u meta kienet hawn fl-aħħar kien hemm ftit tal-ħin u marret fl-istazzjon ta' 3ZZZ fejn ġiet intervistata *live* fuq il-programm tal-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru. Paul apprezza ħafna minħaba li ż-żjara tagħha kienet waħda ta' taħbit u li forsi aktar kienet fl-ajru minn Stat għall-ieħor milli fl-art.


Rebecca Cremona

Rebecca ġiet intervistata wkoll fuq ir-radju tal-ABC u t-Televiżjoni, kif ukoll fuq l-SBS.

Barra minn dan, Rebecca Cremona ġiet mistiedna mill-Kunsill Malti tal-Victoria biex tattendi ċ-Ċentru Malti u tiltaqa' ma' membri tal-Komunita` Maltija. Il-President, Victor Borg, introduċiha ma' dawk preżenti u wara Rebecca tkellmet fuq il-film. Il-laqgħa spiċċat b'riċeviment żgħir.

Ma' Rebecca kien hemm magħha ommha, Herta.

Rebecca Cremona assistiet fil-film *Munich* (2005) ta' Steven Spielberg.

Dakinhar stess, Paul u martu Salvina, flimkien mas-Segretarja, Rosemary Attard u żewġha, Charles, marru jaraw il-film fin-Nova Cinema. It-teatru kien mimli daqs bajda bil-Maltin u anki nies ta' nazzjonalita` differenti. Il-film hu wieħed ta' min jirrikkmandah u hu ta' kwalita` eċċellenti.


**Paul u Rebecca fl-istazzjon ta' 3ZZZ**


**Mix-xellug għal-lemin: Salvina Vella, Paul Vella u Rebecca Cremona**


**Waqt ir-riċeviment fiċ-Ċentru Malti**

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# Programm Mużiko-Letterarju Tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria

**Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza Programm Mużiko-Letterarju fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm.**

Ftit aktar minn 50 ruħ mill-Komunita` Maltija attendew.

Il-programm beda bil-kant tal-Innu Malti u dak Awstraljan. Wara dan, is-Segretarja, Rosemary Attard, tat merħba lil dawk preżenti u ntroduċiet lill-President, Dr Victor Sammut, li dan minn naħa tiegħu sellem lil dawk preżenti u tkellem fuq il-Grupp tagħna, l-attivitajiet ta' matul is-sena u affarijiet li ġraw fl-istess żmien. Huwa qal lil dawk preżenti li l-Grupp jiltaqa' darba kull xahar fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti fejn il-membri jaqraw proża u poeżija, kemm tagħhom jew ta' awturi oħra. Semma wkoll li darba fis-sena jkollna BBQ għall-membri għand il-ħbieb tagħna Frank u Draga Bonett. Dr Sammut ħeġġeġ lil dawk preżenti biex isiru membri tal-Grupp.

Imbagħad beda l-programm ta' qari u kien imiss lill-istess Dr Victor Sammut fejn qralna żewġ poeżiji li kiteb huwa stess: "Erbat ijiem l-isptar" u "Talba għall-paċi f'dinja mħawda". Rosemary Attard għażlet li taqra żewġ poeżiji tal-mibki u qatt minsi l-membru tagħna, Laurie Armato: "Il-Gawwija z-zoppa" u "Ta' widnejh kbar". Imbagħad kien imiss lil Paul Vella li qralna n-novella li kiteb huwa stess: "Pietru u l-ħabiba" fejn wara, Ray Anastasi qralna żewġ poeżiji tiegħu stess: "Qasmuli qalbi" u "Dejjem insallbuk, dejjem taħfrilna".

Wara kien wasal il-ħin għall-ewwel intervent mużikali. Il-Grupp magħmul minn Manuel Casha u Joe Gauci fuq il-kitarri, Alfred Xuereb fuq is-synthesizer u Joe Camilleri fuq il-percussion, tawna erba' siltiet mużikali, kemm Maltin u oħrajn.

Hawn kellna waqfien ta' nofsiegħa fejn dawk preżenti kellhom iċ-ċans li jieħdu kikkra te jew kafe`, gallettini u kejkijiet, eċċ.

Marie-Louise Anastasi qrat il-poeżija tagħha: "Le qatt ma ninsew" u poeżija tal-poetessa Maltija, Mary Grace Caruana, "Sabieħa l-poeżija". "X'taħwid għandna fi żmienna" hija kitba ta' Ġużi Camilleri li qraha huwa stess. Hawn kellna intervent mużikali ieħor.

Frank Bonett huwa membru tagħna li dejjem ifaħħar lill-fundatur tal-Grupp tagħna, Dr Ġuże` Abela li dejjem kien iħeġġu biex jikteb il-Malti. Din id-darba Frank għażlilna żewġ poeżiji ta' Dr Abela: "Ejja ħdejja" u "Carol mhix id-dar". Wieħed mill-membri ġodda tagħna huwa John Muscat. John qralna żewġ poeżiji li kiteb huwa stess: "Art twelidi" u "Il-ħmura". Nazzarene Żerafa huwa membru tagħna li joqgħod fi Brisbane, Queensland. Kull sena jibagħtilna xi xogħol tiegħu u din id-darba bagħat poeżija jisimha "Kull par għal paru" li nqrat mill-membru tagħna Rose Lofaro.



Charlotte Camilleri

Wara intervent mużikali ieħor, kien imiss lil Manwel Cassar li qralna żewġ poeżiji tiegħu: "Tidwija" u "Azzjoni". Żewġ poeżiji ta' Manuel Casha: "Hemm ngħix jien" u "Madwar il-mejda" inqraw minnu stess. Il-membru tagħna, George Portelli, għazel biex jaqralna poeżija sabieħa tal-Professur Oliver Friggieri: "Solitudni". Dr Clemente Zammit qralna proża tiegħu: "Id-Duqqajs". L-aħħar qari tal-programm sar minn Michael Xuereb li qralna x-xogħol tiegħu: "Il-ġenituri" u "Musbieħ inemnem".

Il-programm spiċċa b'aktar mużika mill-Grupp.

Fl-aħħar kulħadd gie mistieden biex imur fil-foyer taċ-Ċentru fejn kien hemm te jew kafè, pastizzi, *pies* u *sausage rolls*, kejkiet eċċ.

Grazzi lil dawk li organizzaw dan il-programm u lil dawk li ppreparaw u ħadmu fil-kċina, Salvina Vella u Doris Sammut.





## IN-NAFFAR LI XTAQ ITIR, ta' Rita Saliba




Ġrajja qasira u ħelwa ta' naffar li kellu żewġt iħbieb – Mina l-ġurdiena u Pizu l-għasfur tal-bejt. Darba minnhom jgħidilhom li xtaq itir biex ikun jista' jara d-dinja u tawh parir li jkellem liż-żiffa. Iż-żiffa min-naħa tagħha tgħidlu li aħjar ikellem lill-buffura. X'jiġrilu fl-aħħar in-Naffar meta wara l-buffura jistenna lir-riefnu?

L-istorja tasal għand il-qarrejja żgħar tagħna (età 5-8) kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, kemm taqleb il-ktieb. Bejn iż-żewġ verżjonijiet issibu wkoll taqsima ta' attività fejn il-qarrejja jistgħu jidħlu aktar fl-ispirtu tal-istorja: logħob bil-kliem u paġni għat-tpinġija!

Ktieb sofistikat b'qoxra iebsa, editjat minn Victor Fenech, u bi tpinġijiet mill-isbaħ ta' Naomi Gatt. Pubblikazzjoni tal-Horizons.

## WIĊĊ IMB WIĊĊ MAL-VERITA`

Id-dar editriċi BDL, (Book Distributors Limited), għadha kemm ippubblikat rumanz ġdid ta' Carmel G Cauchi, WIĊĊ IMB WIĊĊ mal-verità, indirizzat lil dawk li għandhom minn 13-il sena 'l fuq.




Dan ir-rumanz huwa msejjes l-aktar fuq Kelsey, tfajla ta' ħmistax-il sena li għandha ħuha bl-awtiżmu u ssostni li qiegħed ikun ta' xkiel għaliha. Wara l-mewt tan-nannu bdiet torqod għand in-nanna biex ix-xwejħa ma tkunx waħidha billejl. Biex tkompli tagħqad in-nanna bdiet tbati bid-dimenzja u meta tilfet il-portmoni bil-flus akkużat lil Kelsey li serqithulha hi.

Fost iż-żgħażagħ li magħhom tkun Kelsey hemm diversi problemi. Ir-rumanz iġibna wiċċ imb wiċċ ma' sitwazzjonijiet u l-burdati li jvarjaw minn dawk serji bħad-dimenzja, l-awtiżmu u d-divorzju, għal dawk umoristiċi; u minn dawk ta' niket, bħal meta tfajla minnhom tispiċċa f'koma, għal dawk tad-daħq bħaċ-ċajtiet ta' Jerome. Fost iż-żgħażagħ jitfaċċa wkoll l-ewwel xrar ta' mħabba. Għandna mħabba li ma sseħħx għax tfajla jkollha grazzja ma' ġuvni li jitħajjar imur patri, u għandna mħabba oħra li tidher li se sseħħ.

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ fil-ħwienet tal-kotba għall-prezz ta' €6.95.

## *Tikteb Amanda Busuttil minn Malta...*

*Għażiż Paul,*

*Grazzi tal-folju u nirringrazzjak għall-ġentilezza tiegħek li ġġib u tapprezza l-versi li nibgħatlek.*

*Ninsabu ftit 'il bogħod mill-ħarifa aħna f'Malta u għal-daqstant ħsibt biex nibgħatlek poeżija oħra relatata ma' dan iż-żmien.*

*Grazzi ta' kemm qsamt magħna informazzjoni mill-isbaħ b'rabta mal-Ilsien Malti.*

*Inselli ħafna għalik,*

*Amanda*

### Staġun il-poeta

Ħajjet poeta, tgħix ħarifa
kuljum.

Twaqqa' l-weraq f'kull staġun.
B'moħqrija fuq annimal,
is-siġra titheżżeż,
il-weraq jitbiel,
iz-zokk jeħxien.

B'moħqrija fuq annimal
tinżel ix-xita mill-qalb ta' poeta.
Is-siġra tibki dmugħ imdemmi.
Il-weraq jitmermer f'agunija.

Il-qalb ta' poeta
bħall-werqa li tħaxwex.
Ir-ruħ ta' poeta
hija ħarifa permanenti.

***10.08.2012***
***Amanda Busuttil***

## *Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*

minn nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru fis-2.15pm
mit-Tnejn sal-Gimgha
fuq RADJU MALTA 93.7fm
"BEJN IL-HBIEB"
jekk tixtieq tippartecipa permezz tat-telefon,
jekk joghgbok , ibaghtli messagg
fuq 79915113 ......... jew email fuq >>>>
enzogusman@mail.com
u aghtini numru tat-telefon LANDLINE
(mhux mobile/cellular) u ncempillek jien !
INT FEJN INT FID-DINJA,
ISSA, TISTA' TKUN PARTI MINN
"BEJN IL-HBIEB" !!!
enzo
nistenna minghandek....grazzi

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**
**Grazzi u napprezza ħafna.**

# "KUN IMBIEREK"

***Mużika: Mark Spiteri Lucas; Versi: Ingrid Vella***
***Kantata minn Simone Gauci***

**Aktar kmieni din is-sena inżamm il-"Konkors Kanzunetta Indipendenza". Waħda mill-kanzunetti li ħadet sehem, "Kun Imbierek", għalkemm ma ħadet l-ebda premju, laqtitni ħafna, kemm għall-mużika, il-versi u aktar u aktar għax il-ħsieb tal-versi jolqot lilna, l-emigranti. Il-mużika hija ta' Mark Spiteri Lucas, versi ta' Ingrid Vella u tkantatat minn Simone Gauci. Ingrid kienet tant ġentili li bagħtet il-kanzunetta u l-versi biex taqsamhom magħna. Ingrid kitbet...**

*Twelidt fl-1988, u ktibt l-ewwel lirika tiegħi meta kelli 25 sena.*

*Madankollu, ili minn ċkuniti nikteb: stejjer qosra, taqbiliet, poeżiji, u logħob bil-kliem.L-ewwel festival li ktibt għalih kien il-festival Melodija Maġika 2015, meta bil- kanzunetta Jien Għandi Kollox, flimkien mal-kantanta Thea Gauci u l- kompożitur Augusto Cardinali, ksibna l-ewwel post u rbaħna l-Grand Prix tal-festival.*

*Dis-sena ħadt sehem ukoll fl-Għanja tal-Poplu 2015, bil-kanzunetta Pjan, interpretata minn Simone Gauci fuq mużika ta' Augusto Cardinali. Minn fost il-105 kanzunetti sottomessi, Pjan intagħżlet bħala waħda mis-sittax-il kanzunetta finalista.*

*Minkejja li l-lirika li nikteb mhux dejjem tkun dwari, jien u niktibha ngarrabha, kollha.*

*Nikteb il-lirika biex inwassal messaġġ.*

*Nikteb bil-Malti għax inħoss li m'hemm l-ebda lsien ieħor li bih nista' nartikola ħsibijieti daqs kemm bl-ilsien li fih trabbejt.*

*Nispira ruħi mix-xejn.*

*Nieħu interess f'kollox.*

*Noħlom ħafna, u noħlom kbir.*

*Ma naqtax qalbi, u nemmen li xi darba nasal.*

*Jekk mhux illum, għada. Kuljum.*



***Ingrid.***

Niftakrek tarbija
Titwieled l-isptar
Niftakrek ma' ħutek
Kont tilgħab id-dar
Niftakrek l-iskola
Fil-klassi attent
Niftakrek ir-raħal
Titbissem kuntent
U llum insellimlek
Kif int l-ajruport
Familtek madwarek
F'idejk passaport
Imbierkek ta' ibni
Li għex hawn sal-lum
Il-wieħed minn bosta
Li nsellem kuljum
Tinsa qatt din Malta darek
Malta bdejt, Malta trabbejt
Tħarisx lejja t'inferjuri
Ibqa' ħaddan il-valuri
Se titħallat f'poplu ieħor
Iġma' l-għerf li ma sibtx hawn
'L art twelidek agħmel isem
L-art li tagħha inti iben
Tistħix tgħid l'int Malti
L'int wieħed minn ftit
Li f'ċokon ta' artna
Għamilna il-ġid
Kif Malta issemmi
Agħmilli unur
Għax meta f'art oħra
Int ambaxxatur
Għalkemm limitata
Fl-opportunità
Għalik b'negozjati
Żidt il-libertà
Estiża l-familja
Fl-Ewropa milqugħ
Illum inti wieħed
Minn nofs biljun ruħ

Tinsa qatt din Malta darek
Malta bdejt, Malta trabbejt
Tħarisx lejja t'inferjuri
Ibqa' ħaddan il-valuri
Se titħallat f'poplu ieħor
Iġma' l-għerf li ma sibtx hawn
'L art twelidek agħmel isem
L-art li tagħha inti iben
Jien rawwimtek…
U għallimtek…
Għandi storja
Tagħmel ġieħ…
Tajtek klima
Biex tixxala…
Tajtek lingwa
Li m'hawnx bħalha…

Tinsa qatt din Malta darek
Malta bdejt, Malta trabbejt
Tħarisx lejja t'inferjuri
Ibqa' ħaddan il-valuri
Se titħallat f'poplu ieħor
Iġma' l-għerf li ma sibtx hawn
'L art twelidek agħmel isem

## IL-KANONKU MONS. CARMELO REFALO, ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA TAX-XAGĦRA, FUQ ŻJARA F'MELBOURNE

Dan l-aħħar, Mons. Carmelo Refalo kien fuq btala qasira f'Melbourne. Paul Vella ltaqa' miegħu biex jintervistah. Mons. Refalo jirċievi l-Folju tagħna kull xahar u qallu kemm għandu għall-qalbu l-Ilsien Malti li hemm bżonn inżommuh f'qalbna.



**TINSEWX! IL-LAQGĦA TA' DAN IX-XAHAR SE TKUN NHAR IL-ĠIMGĦA, 30 TA' OTTUBRU, ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-2.00 PM. NARAWKOM HEMM.**